**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

# Seduta numru 25 tas-Sitt Leġislatura
# Illum it-Tnejn 28 ta' Marzu 2011

## MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Korrispondenza*
3. *Komunikazzjonijiet*
4. *Ġbir ta' skart fil-Festi Pubbliċi*
5. *Proposti ta' Welcome Signs*
6. *Festa Frawli 2011*
7. *Affarijiet Mixxellanji*

## PREŻENTI

Kienu preżenti s-Sindku Paul Vella, il-Viċi-Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, Il-Kunsilliera Maria Said, Il-Kunsillier Giovanni Gatt u s-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku Paul Vella.

## 1 Minuti

*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

## 2 Korrispondenza

2.1 Il-Kunsill innota l-korripondenza mill-MEPA.

2.2 Il-Kunsill innota wkoll ir-rapporti li daħlu fis-sistema tal-*Customer Care*.

Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

2.3 Korrispondenza mingħand l-AKL dwar opportunita' ta' skambju u taħriġ fil-Belġju. Il-Kunsill qabel li jinnomina lill-Kunsillier Clayton Gauci għal dan l-iskambju.

2.4 Korrispondenza mingħand Anton Zarb dwar bollards. Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu ordnati 2 bollards biex jitwaħħlu maz-zuntier.

2.5 Korrispondenza mingħand il-WasteServe dwar il-Bring-In site fi Triq San Pietru. Il-Kunsill għarraf li għandna nibgħatu lill-Green MT se jieħdu ħsieb it-twaħħil ta' CCTV camera biex l-abbużi jitnaqqsu.

2.6 Korrispondenza mingħand il-MEUSAC dwar Measure 313. Il-Kunsill qabel li jidħol għal din l-opportunita' ta' finanzjamanent biex jagħmel pjan ta' riġenerazzjoni ta' Darrenzi li tinkludi picnic-area u family-friendly areas. Is-Sindku ressaq proposta biex din tinkludi wkoll riġenerazzjoni ta' ras il-Wied ta' l-Imselliet. Għaldaqstant il-MEUSAC ser jiġu infurmati b' dan il-pjan.

2.7 Korrispondenza mingħand id-Departiment tal-Gvern Lokali dwar id-diskrepanzi bejn it-tender tax-xogħol tal-aluminium fil-bini l-ġdid tal-Kunsill u l-ħlasijiet mitlub mill-kumpanija Framegrip. Il-Kunsill reġa ddiskuta din is-sitwazzjoni u qabel li tintbghat risposta lid-dipartiment fid-dawl ta' dawn il-punti :

- Fit-tender ma kienx hemm inkluż ix-xogħol ta' l-aluminium kollha peress li s-sular ta' fuq ma kienx imdaħħal;
- Is-sejħa għall-offerti kienet saret meta s-sular ta' fuq kien għadu mhux lest u għaldaqstant ma kienx imsemmi;
- Peress li inħasset l-urġenza li ix-xogħol jitkompla minħabba l-possibilita' ta' ħsara minħabba l-ilma u l-maltemp, ix-xogħol tkompla fis-sular ta' fuq ukoll;
- Matul ix-xoħol ta' kostruzzjoni fis-sular ta' fuq sar xi bdil fil-pjanti oriġinali biex jiġu ffrankati spejjeż żejda;
- Ix-xogħol tkompla għand il-kumpanija Framegrip peress li dawn kienu offrew l-aħjar rati u dawn ir-rati kienu baqgħu l-istess;
- Il-problema ta' din id-diskrepanza saret evidenti biss meta l-Kunsill irċieva l-irċevuti mingħand il-kumpanija. Il-Kunsill mill-ewwel beda' l-pass neċċessarji biex jinstab rimedju xieraq għal dan.

Ġie deċiż ukoll li l-Kunsill jieħu parir legali dwar din is-sitwazzjoni.

2.8 Korrispondenza mingħand il-Majjistral Action Group Foundation biex jinġareġ il-pagament tas-sħubija.

2.9 Korrispondenza mingħand Hugh Arnett dwar in-nies li jużaw it-toroq bil-mixi. Dan ser jidher fil-pubblikazzjoni ta' Il-Miġbħa li jmiss.

2.10 Korrispondenza mingħand Alicia Said dwar Environment Week f' Ġunju u biex din issir fil-bini tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Eman Vella semma kif din l-attivita' ser tinkludi is-sehem u l-involviment tal-Kumitat taż-Żgħażagħ u l-Kummissjoni Ambjent.

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

2.11 Rapport mingħand il-Pulizija dwar inċident ta' traffiku li seħħ fit-23 ta' Marzu u li fih saret ħsara fir-roundabout ta' Binġemma. Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Eżekkutiv għandu jagħmel stimi tad-danni u jibgħat rapport lill-Pulizija.

2.12 Korrispondenza mingħand Dorianne Mifsud, uffiċċjal fil-Kunsill Lokali dwar xogħol overtime li wetqet. Il-Kunsill qabel li s-Sinjorina Mifsud titħallas 20€ ta' dan x-xogħol.

**3 Komunikazzjonijiet**

3.1 Eman Vella u Clayton Gauci semmew il-proposta li rċevew mingħand it-tim tal-volleyball tal-lokalita' li jnaddfu il-Mitħna f' Tal-Palma. Il-Kunsill ma jsib l-ebda' oġġezzjoni għal dan imma qabel xejn, dawn iż-żewġ kunsilliera għandhom jagħmlu spezzjoni fil-post biex jaraw kif ikun l-aħjar li dan iseħħ.

3.2 Eman Vella ressaq proposta dwar proġett teatrali ta' Malcolm Vella. Il-Kunsill qabel li jappoġġja din l-inizzjattiva.

3.3 Clayton Gauci ressaq proposta biex grupp ta' nies mill-Imġarr jieħdu sehem fl-attivita' Seħer il-Punent li ser issir fl-Għarb, Għawdex. Il-Kunsill apoġġja din l-innizzjattiva.

3.4 Is-Sindku rrapporta dwar il-proġett Biolmed. Semma kif il-GPO (Growers and Producers Organisation) qed jipproponu li ssir attivita sabiex jiġu Malta biex jippromuovu it-tkabbir taz-zejt. Din l-attivita' maħsub li ssir fuq 3 ijiem lejn l-aħħar ta' Lulju.

**4 *Ġbir ta' l-Iskart fil-Festi Pubbliċi***

4.1 Is-Sindku semma' li s-issa l-iskart inġabar fil-festi pubbliċi, imma dan qed ikun ta' piż finanzjarju fuq il-finanzi tal-Kunsill. Wara diskuzjoni dwar dan, il-Kunsill qabel li jsir kalendarju ta' kif u meta ser jinġabar l-iskart fil-festi u dan jintbgħat fir-residenzi tal-lokalita'.

**5 Proposti ta' Welcome Signs**

5.1 Is-Sindku ressaq proposta ta' Welcome Signs għal-lokalita' mil-kumpanija Media Trends. Wara li l-Kunsill ra kif u fejn dawn jistgħu jitwaħħlu, il-prezz u l-utilizzar tagħhom, ġie deċiż li l-Kunsill japprova l-installazzjoni ta' dawn is-sinjali.

**6 Festa Frawli 2011**

6.1 Ingħata rendikont ta' l-aħħar preparamenti għall-Festa Frawli 2011.

**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv semma' d-diversi laqgħat li kellu mal-Pulizija tal-mosta dwar immanniġġar ta' traffiku, għeluq ta' toroq, permessi, u affarijiet varji, kif ukoll mas-sur Mario Sammut mill-Kummissjoni Lejla Mġarrija.

6.3 Is-Sindku u Clayton Gauci ser jagħmlu laqgħa mas-Sur Joe Camilleri ta' Transport Malta dwar is-servizz tat-trasport pubbliku u l-Park & Ride għall-attivita'.

7 **Affarijiet Mixxellanji**

7.1 Giovanni Gatt ppropona biex jiġi mdawwal iċ-ċimiterju u Triq iċ-Ċimiterju.

7.2 Giovanni Gatt semma kif qed issir talba mill-kappillan biex jitranġa d-dawl ta' fuq il-knisja tal-lokal. Il-Kunsill ddiskuta u qabel li jara kif jista' jgħin f' din il-biċċa.

7.3 Eman Vella semma li jeżisti periklu tat-traffiku fi Triq sir Temi Zammit. Il-Kunsill qabel li ssir crash barrier biex jitnaqqas dan il-periklu.

7.4 Eman Vella informa li ser isir kors dwar is-siġar taċ-ċipress f' Firenze f' Mejju li ġej bħala parti mill-programm Cypfire.

7.5 Clayton Gauci rrapporta li qed jitħalla ħmieġ u żibel fi Triq il-Plejju. Dan is-suġġett ġie diskuss, u ssemma' li l-Pulizija għandha tgħin biex jiġu identifikati dawk li jħammġu.

7.6 Maria Said rrappurtat li l-istess sitwazzjoni ta' skart u ħmieġ tesisti wkoll fi Triq il-Kbira.

**Aġġornament**

Il-laqgha ntemmet fit-8.20pm.

Is-Sindku sejjah laqgha ohra nhar it-Tlieta 23 April, fil-5.30pm.

*Cyprian Dalli*
Segretarju Ezekuttiv

*Paul Vella*
Sindku

4

# Kunsill Lokali Mgarr

## Paid Payments To Be Confirmed

**From Date** 09.03.2011 **To Date** 25.03.2011

| Ref No | Payment | | Amount € | Account No. |
|---|---|---|---|---|
| 8721 | Mario Vella | Shelves for File Server Room | 350.00 | |
| 8722 | Bonnici Bros | Resurfacing of Triq Sir Temi Zammit | 9158.43 | |
| 8723 | Bonnici Bros | P/P of resurfacing in Triq il-Kbira | 15197.87 | |
| 8724 | HMK | Biolmed - Hire of Tent | 1536.00 | |
| 8725 | Nancy Abela | Wk 9-12 - Salary | 391.40 | |
| 8726 | Hugh Arnett | Wk 9-12 - Salary | 86.00 | |
| B. Transfer | Paul Vella | Wk9-12 - Honoraria | 391.63 | |
| B.Transfer | Administrative Staff | Wk9-12 - Salaries | 3379.93 | |
| B.Transfer | Handymen | Wk9-12 - Salaries | 2431.00 | |

**Approved on 28.03.2011** **€** **32922.26**

Councillors:

25

# Kunsill Lokali Mgarr
## Payments To Be Confirmed

**From Date** 25.03.2011 **To Date** 28.03.2011

| Ref No | Payment | | Amount € | Account No. |
|---|---|---|---|---|
| 8727 | CIR | Wk 9-12 - Tax and NI | 1041.89 | |
| 8728 | Mro. Mary Cauchi | Gieh l-Imgarr- C/O Mario Ciantar Violin services | 100.00 | |
| 8729 | Mr. Albert Abela | Groceries for Quintanilla Exhibition | 40.33 | |
| 8730 | ADI Associates | Nov 10 - MEPA Reviews | 50.20 | |
| 8731 | Alberta | Photovoltaic System | 4671.66 | |
| 8732 | Alpaprint | Purchase Order Books and With Compliments | 302.08 | |
| 8733 | ARMS Ltd | Water and Electricity Bills | 1663.21 | |
| 8734 | B.Grima & Sons Ltd | Road signs and markings | 383.04 | |
| 8735 | Ballut Blocks Services Ltd | Construction Material | 235.76 | |
| 8736 | Bitmac | Patching Bags | 1154.04 | |
| 8737 | Blockrete | Kerbs and Sand | 54.28 | |
| 8738 | Camray | Final settlement on invoice 009/2010 | 2722.45 | |
| 8739 | CPI Ltd | Part Payment on Certificate 7 | 2000.00 | |
| 8740 | Cleansing Services | Oct. 10 - Services | 548.45 | |
| 8741 | Cleanmasters | Festa Frawli 10 - Cleaning | 439.29 | |
| 8742 | Cancelled | Cancelled | 0.00 | |
| 8743 | Clearprint Malta | Business Cards for Cyprian Dalli | 76.70 | |
| 8744 | Clifford Vella | Book - Ta' Kola Windmill | 6.95 | |
| 8745 | Corex International | Photocopier FSMA, Copies and toners | 1317.71 | |
| 8746 | Diaries JD | Diaries 2010 | 217.71 | |
| 8747 | E.M.D.P | Professional Fees | 1872.53 | |
| 8748 | E.L.C. | Nov - Dec 10 - Maintenance and Lanscaping of Gardens | 398.32 | |
| 8749 | Eyetech | Computer Maintenance | 168.92 | |
| 8750 | Firetech | Emergency Call for the CCTV checking | 35.00 | |
| 8751 | Frank Borg | Distribution of Flyers | 140.00 | |
| 8752 | Galea Curmi Eng Cons. | Nov 10 - Contract Management | 105.99 | |
| 8753 | G4 Security Services | Nov & Dec 10 - Cash Transit | 60.88 | |
| 8754 | Go. PLC | Telephone rent and calls | 143.12 | |
| 8755 | Ms. Josette Micallef | Proof reading services for Migbha Jan 11 | 35.00 | |
| 8756 | L.J Gatt | Hire of Hi-Up for Gnejna Raft | 135.70 | |
| 8757 | Gov. Property Division | Council Building Rent from Dec 10 to Nov 11 | 232.94 | |

25

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 8758 | Mailbox Services | February 11 - Distribution of Flyers | 35.40 | |
| 8759 | Cancelled | Cancelled | 0.00 | |
| 8760 | Foundation Majjistral Grp | P/P on the Leader Programme | 1000.00 | |
| 8761 | Marina Garage | Service on Council's Vehicle | 159.10 | |
| 8762 | Medistar | Influenza Campaign - Nursing Services | 45.00 | |
| 8763 | Melita PLC | Hello services | 47.88 | |
| 8764 | Mgarr Farmers Co-op | Roundup | 110.00 | |
| 8765 | MITA | E-mail account for Councillors, Mayor & Exec. Secretary | 14.94 | |
| 8766 | Neriku Confectionery | Catering for Dec 10 Art Exhibition and Peugeot Exhibition | 631.25 | |
| 8767 | PC Options | Two external hard drives for File Server | 144.00 | |
| 8768 | Mary Vella- Queen's DC | Dry Cleaning Services | 35.20 | |
| 8769 | R&G Hardware Store | Sundries | 110.85 | |
| 8770 | Smart Office Supplies | Stationery | 378.60 | |
| 8771 | Transient | Lighting for Winter Tastes | 862.11 | |
| 8772 | 3D Distributors | Distribution of Flyers | 212.40 | |
| 8773 | Wasteserv Malta | Recycling Waste - June and July 2010 (pd as per allocation) | 2443.64 | |
| 8774 | WSC | Works on new mains in Triq Sant'Anna | 1664.24 | |
| 8775 | Yellow Pages | Advert - Yellow Pages | 29.74 | |
| 8776 | Zammit Trading Ltd | Plastic for Hampers for Disabled | 11.13 | |
| 8777 | Zrar Ltd | Purchase of Concrete | 146.56 | |
| 8778 | The Lighthouse Keepers | Street Light repairs | 1655.72 | |

**Approved on 28.03.2011** € **30091.91**

Councillors: